MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 941/2011

**S & D Yachts Limited**

**Vs**

**Benjamin Mangion**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u erbgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€454.58) u dan peress illi s-socjeta rikorrenti kriet lill-intimat, permezz ta' charter, il-yacht MY "Domina" bejn l-20 u t-22 ta' Mejju, 2011.

Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€395.58) rapprezentanti prezz ta' hsarat

ikkagonati mill-intimat, oltre spejjez legali ancillari, li bil-VAT jammontaw ghall-ammont kumplessiv ta’ erbgha mija u erbgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€454.58).
Illi minkejja interpellat diversi drabi ghall-hlas, l-intimat baqa inadempjenti;

Ghaldaqstant s-socjeta’ rikorrenti talbet bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta’ erbgha mija u erbgha u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu kif spjegat bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluz l-ispejjez ta’ hamsa u ghoxrin Ewro (€25) ghall-ittra legali tat-13 ta’ Gunju, 2011.

L-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-13 ta’ Gunju, 2012, la ghal dik tat-28 ta’ Gunju, 2012 la ghal dik tal-24 ta’ Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbgha mija u erbgha u hamsin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€454.58) flimkien mal-ispejjez tal-ittra

ufficjali tat-13 ta’ Gunju, 2011 kif ukoll mal-imghax legali mid-data tat l-13 ta’ Gunju, 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------